Minuti tal-Laqgħa Nru. 4 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar It-Tlieta, 16 ta' Lulju 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Attivitajiet
5. Post Mortem, Jum Ħal Luqa
6. Skema tar-Restawr
7. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
8. Aġġornament

**1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Fuq punt 7.6 il-Kunsilliera Elaine Camilleri saqsiet jekk dan kienx fuq dawk il-Kunsilli li għandhom ġemellaġi. Hija semmiet li fuq punt 7.9 dan il-kors huwa miftuħ għall pubbliku u wieħed jitgħallem fuq l-agrikultura ekwivalenti għall Level 5 Diploma.

1.2 Fuq punt 8.2 il-Kunsilliera Elaine Camilleri qalet li din kienet għan No Entry li hemm fejn il-Każin tal-Labour u mhux is-sign li fiha l-ħinijiet tal-Iskola.

1.3 Il-Kunsillier Caruana qal li punt 8.8 dan kellu jsir li huwa kien kellmu biex jagħmel bin fejn il-ħanut u li issa din kienet saret. Il-Kunsillier Caruana ħa l-opportunita biex ifaħħar lil kollettur tal-iskart li kien għamel xogħol tajjeb waqt il-festa.

**2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI**

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq punt 8.5, x kien se jagħmel il-Kunsill. Is-Sindku awtorizzżah biex ikellem lil mastrudaxxa u jieħu ħsiebha.

**3.0 KORRISPONDENZA**

3.1 Il-Viċi Sindku qalet li hija kienet kellmet lis-Sur. Ramon Deguara tal-cleansing fejn huwa qallha li l-Kunsill Lokali jkun jista jitlob għall għajnuna lid-Direttoratt fuq it-tindif. Is-Sindku qal li mill-esperjenza tieghu dawn ma jipprovdux għajnuna simili imma l-Kunsill ikollu jħallas jekk ikun hemm tindif hekk.

3.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk sakemm tinqata l-appell tal-kennies jistax il-Kunsill Lokali jibda jqabbad kenniesa.

3.3 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li l-ħabs ukoll jista jibgħat persuni li jagħmlu dan ix-xogħol. Is-Sindku irrisponda li huwa diġa kien għamel kuntatti mal-ħabs fejn spjegawlu kif kienet il-proċedura u kif għandna napplikaw.

3.4 Il-Kunsillier Caruana semma li rridu nibgħatu persuni jnaddfu fejn hemm in-Ninja Store peress li hemm anki l-ħajt imwaqqa u n-nies ikomplu jħammġu. Huwa saqsa lis-Sindku jekk jistax jerġa jinbena dan il-ħajt. Is-Sindku qal li ma nistgħux nużaw il-fondi tal-Kunsill hekk u ma nkunux nafu meta dawn jiġi rimborsati.

3.5 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jitnaddfu l-water culvert li hemm fejn l Iskola u Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku qallu biex jara liem huma li għandhom bżonn jitnaddfu u ssir lista tagħhom.

3.6 Il-Kunsillier Camilleri tkellem rigward it-tappiera li hemm fejn il-Phoenicia Bar peress li tiela l-wurdien. Is-Sindku qallu li din suppost kien għalaqha.

3.7 Is-Sindku qal li l-Kunsilliera Elaine Camilleri ħadet ħsieb applikazzjoni rigward Active Citizens for Climate Change. Din l-applikazzjoni kienet għaddiet u intgħażlet.

3.8 Il-Viċi Sindku ppreżentat poster bil-ħinijiet li fihom tiftaħ il-librerija u ieħor għal meta din tkun magħluqa.

3.9 Il-Viċi Sindku qalet li kienet kellmet lid-Direttur tal-Libreriji fuq il-bżonn li titkabbar il-librerija preżenti. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex jikkordina laqgħa mal-Permanent Secretary fuq dan is-suġġett.

3.10 Is-Sindku semma li se ssir press conference mill-Onor. Dr. Stefan Buontempo fir-Reġjun fejn se jitqassmu xi fondi. Huwa stieden lill-Viċi Sindku sabiex tattendi għaliha.

3.11 Kien hemm email fuq fondi li nistgħu napplikaw għalihom taħt Axis 2 biex ikun hemm resource centre. Huwa għadda din l-email lill-Kunsilliera Camilleri biex tara x' hemm bżonn.

3.12 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri tkellmet fuq applikazzjoni li kienet ħadet ħsieb hi bl-isemEden A Taste of the Mediterranean marbuta mat-turiżmu. Hija qalet li jekk il-Kunsill jirbaħ anki jsir video fuq Ħal Luqa biex jippromwovi l-lokalita.

3.13 Is-Sindku semma li se jsir proġett pilota fuq il-ħjata bil-ġanċ mal-anzjani ġewwa d-Daycentre.

3.14 Is-Sindku qara email fuq il-proġett tal-LEAP fejn se jsir resource centre. Huwa għadda din l-email lill-Kunsilliera.

3.15 Is-Sindku qara applikazzjoni fuq il-European week of Waste Reduction fejn il-Kunsill jista japplika. Kien hemm imsemmi meeting fuq din l-inizjattiva biex minn jista jattendi għalih.

3.16 Is-Sindku qara ittra ta ringrazzjament mis-Soċjeta Filarmonika l-Unjoni.

3.17 Is-Sindku qal li kien wasal biex jinħareġ it-tender għall Bandli. Huwa ssuġġerrixxa biex f' parti minnu ikun hemm outdoor gym flok Bandli għan nies kbar. Huwa saqsa lill-Kunsilliera jekk kinux jaqblu ma dil-proposta.

3.18 Il-Kunsillier Caruana saqsa x' kienu se jsiru bħala bandli għat tfal u saqsa wkoll jekk il-Bandli hux se jkun isseparat mill-Klabb tal-Boċċi.

3.19 Is-Sindku qal lill-Kunsillier Bruno biex ikellem lil tal-futbol peress li meta qalgħu t-turf ħallew il-boroż tiegħu fejn il-bieb. Il-Kunsillier Bruno qal li kien se jkellimhom fuqu biex jneħħuhom.

3.20 Il-Kunsillier Bruno qal jekk tistax issir biċċa bit-turf fil-Bandli. Is-Sindku qallu li dan il-post kien żgħir wisq biex isir xi ħaġa hekk ukoll.

3.21 Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-prinċipju li jkun hemm outdoor gym fil-Bandli.

3.22 Is-Sindku semma li kien wasal iż-żmien biex jinħareġ it-tender tal-accountant.

3.23 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm il-bżonn li jsir railing pulit quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

3.24 Il-Kunsillier Caruana reġa semma li kien hemm bżonn li ssir bozza fi Triq l-Iskola.

3.25 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm diversi stops li kellhom bżonn jerġgħu jinżebgħu fosthom fi Triq G Tragance, Tal-Maħżnier, Triq G Ellul u Triq San Ġorġ. Is-Sindku semma li l-ħaddiema kienu se jagħmlu xi xogħol ta' żebgħa l-ġimgħa d-dieħla.

3.26 Il-Kunsillier Caruana semma li ma kienx qed ikun hemm Pulizija li jattendi waqt li t-tfal joħorġu mill-Iskola.

3.27 Il-Kunsillier Caruana qal li kien qed idur diversi toroq ġo Ħal Luqa u jara fejn kien hemm sinjali li kellhom bżonn jinbidlu.

3.28 Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk tistax issir shade fi Triq San Ġużepp biex tgħatti parti mid-dawl. Is-Sindku semma li jekk din issir tispiċċa biex idallam it-Triq.

3.29 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri semmiet li fi Triq Sant' Andrija kienet saret bozza imma ma kienx hemm dawl biżżejjed.

3.30 Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk il-Kunsill kienx qed jippjana biex tibda ssir il-mini bus li tieħu l-anzjani d-Daycentre nhar t' Erbgħa.

3.31 Il-Viċi Sindku saqsiet jekk il-Kunsill kienx qed jippjana li jsiru bus shelters minħabba x-xemx u l-elementi. Is-Sindku semma li xahar wara l-ieħor huwa kien qed jagħmel pressjoni mat-Transport Malta biex dawn isiru u kull darba kienu qed iġibu skuża differenti. Huwa qal li kien jeħtieġ li jingħataw ultimatum u jekk dawn ma jsirux il-Kunsill jieħu deċiżjoni huwa x' jagħmel dwarhom.

3.32 Il-Kunsillier Bruno qal li rigward il-website huwa kien se jfassal struttura li tkun faċilment aċċessibli mill-mobile u anki jkollha informazzjoni bażika. Huwa qal li s-Segretarju kien għaddielu diversi kwotazzjonijiet fejn kien qed jistudja x' fihom.

3.33 Il-Viċi Sindku semmiet li bħala fondi minn naħa tar-Reġjun fuq inizjattivi għall persuni b' diżabilta. Is-Sindku qal li dawn il-fondi se jkunu qed jintużaw biex issir bandla ġewwa l-Bandli ta' Ħal Luqa.

3.34 Il-Viċi Sindku qalet li kienu kellmuha tal-Iskene fejn dawn xtaqu li ssir promozzjoni fuq kors li se jorganiżżaw huma rigward drama, fejn jixtiequ jtellgħu reklam fuq il-page tal-Kunsill. Huma xtaqu li fl-istess ħin jkunu jistgħu jużaw il-logo tal-Kunsill. Is-Sindku qal li din tkun idea tajba.

3.35 Is-Sindku semma li l-proġett tal-Family Park ta' Ħal Farruġ kien tlesta fiż-żmien stipulat fil-kuntratt u l-Kunsill laħaq għamel il-claims fil-ħin biex jieħu l-flus lura li kien ħareġ.

3.36 Il-Viċi Sindku semmiet li jistgħu jsiru toqob fuq l-imwejjed li hemm fil-Family Park biex fiż-żmien tas-Sajf ikunu jistgħu jitwaħħlu umbrelel minn dawk il-familji li juzaw il-picnic area.

3.37 Il-Viċi Sindku semmiet li hemm bżonn li jsiru lattrini fejn il-Family Park. Is-Sindku semma li fuq il-biċċa l-oħra li għadha ma ġietx żvillupata dan l-item se jkun ikkunsidrat hawnhekk meta jkun hemm il-pjanijiet kif din tista tkun żvillupata.

3.38 Il-Kunsillier Bruno tkellem fuq l-irwol tar-responsbile gaming foundation u kemm huwa importanti li n-nies ikunu infurmati fuq ir-riskju tal-logħob eċċessiv. Huwa qal li jistgħu ikunu organiżżati sessjonijiet informattivi biex in-nies jitgħallmu minhom. Il-Kunsilliera qablu ma din l-idea.

3.39 Il-Kunsillier Eric Camilleri qal li hemm ħarruba fejn il-ground tal-futbol li qed tmut u li fuqha kien kellmu s-Sur. James Aquilina. Is-Sindku qal biex inkellmu lil ELC fuqha biex jaraw x' jista jsir peress li kien hemm x' infestazzjoni t' insetti.

3.40 Il-Viċi Sindku semmiet li minn naħa tal-iskola dawn xtaqu jinfetaħ kanċell biex il-karozzi jkunu jistgħu jniżżlu t-tfal tagħhom ġewwa l-Iskola. Is-Sindku qallha biex il-Head tal-Iskola tagħmel talba bil-miktub.

3.41 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li hemm problema fil-bankina ta' fejn hemm Thomas Smith peress li kien hemm minnha maqlugħa. Is-Sindku semma li l-ħaddiema se jkunu qed jagħmlu tiswijiet fuq dil-parti l-ġimgħa d-dieħla.

## 4.0 ATTIVITAJIET

4.1 Is-Sindku semma li hemm il-pjan li norganiżżaw mawra għall Sqallija li ssir qabel Santa' Marija. Huwa qal li se jkun qed ikompli jikkordina aktar fuq dan l-item u jagħti aktar dettalji l-quddiem.

4.2 Is-Sindku semma li tista tkun organiżżata festa tal-lampuki ġewwa Ħal Luqa. Kien hemm suġġeriment mill-Kunsilliera biex din l-attivita issir flimkien mal-Pet's Day. Is-Sindku qal li ma tkunx idea tajba li jsiru flimkien peress li n-natura tal-attivitajiet hija differenti minn xulxin. Huwa qal li dawn isiru seperati u l-fondi li jinġabru mill-attivita tal-lampuki imorru biex jgħinu ssir l-istatwa tal-irxoxt.

4.3 Is-Sindku qal li filkaż li tkun organiżżata l-isports day il-findi li jinġabru jkunu jistgħu jmorru għall Luqa St. Andrew's FC.

4.4 Il-Viċi Sindku qalet li se tkun qed tieħu ħsieb torganiżża kors aqra miegħi fejn it-tfal jipprattikaw il-qari. Hija saqsiet is-Sindku tkunx tista tuża is-sala tat-tagħlim biex isir dan il-kors. Is-Sindku qallha li m' għandux ikun hemm problema.

4.5 Il-Kunsillier Bruno tkellem fuq tal-futbol peress li dawn is-soltu kienu jkun hemm sponsorship u jsir t-shirt bil-logo tal-Kunsill fuqu. Is-Sindku semma li din kienet użanza minn sena għall oħra.

4.6 Il-Kunsillier Bruno semma li tista ssir Luqa St. Andrew's FC li tkun organiżżata minn naħa tal-futbol u fl-istess ħin ikun hemm il-parteċipazzjoni tal-għaqdiet l-oħra f' okkażżjoni bħal din.

**5.0 POST MORTEM, JUM ĦAL LUQA**

5.1 Is-Sindku semma li fuq l-attivita li kienet saret fl-okkażżjoni ta' Jum Ħal Luqa morna tajjeb in ġenerali.

**6.0 SKEMA TAR-RESTAWR**

6.1 Is-Sindku tkellem fuq żewġ applikazzjonijiet li kien applika għalihom il-Kunsill li kienu waħda tar-restawr li kien ħa ħsiebha l-Kunsillier Camilleri biex jkunu irrestawrati l-istatwa ta' Sant' Andrija u dik tal-Kunċizzjoni.

6.2 Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa għadu qed jistenna risposta fuq l-applikazzjoni tar-restawr.

**7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

7.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk l-ELC kinux tħallsu. Is-Segretarju semma li s' issa dawn ma sarulhomx ħlasijiet. Il-Kunsilliera issuġġerrew li jintbagħat reminder fuq il-kontijiet li kien hemm dovuti lilhom.

7.2 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri qalet li hija mhux se tiffirma s-schedule of payments peress li hija ma kinitx taf x' bilanċi għandu l-Kunsill Lokali u l-istatements kellhom ikunu ppreżentati sat-tieni laqgħa.

**8.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar itTlieta 16 ta' Lulju 2015 fis-7.30 pm. Kien hemm id-data tas-7 t' Awwissu 2015 proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2015.

____________________ ____________________

John Schembri — Sindku

Michael Portelli — Segretarju Eżekuttiv